MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 846/2003

**Middle Sea Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet ta' Joseph Micallef u l-istess Joseph Micallef**

**vs**

**Montaldo Insurance Agency Ltd ghal American Home Assurance Company**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-25 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' erba' mija sitta u tmenin lira Maltija u hamsa u disghin centezmu (Lm486.95) rappresentanti danni rizultanti minn incident stradali li gara fiz-Zejtun fit-23 ta' Ottubru,2001 bejn car nru KAB 887 u car Nru FAB 364 liema danni jikkonsistu fi hsara fil-propjeta' ta' l-attur – danni sopportati in kwantu ghal Lm436.95 mill-Middle Sea Insurance plc noe u in kwantu ghal Lm50**

**minn Joseph Micallef proprio u ghal liema danni assumiet responsabilta' s-socjeta' konvenuta. Ghalhekk, prevja occorrendo dikjarazzjoni li s-socjeta' konvenuta assumiet tali responsabbilta' qed issir talba biex is-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas lill-atturi danni fl-ammonti indikati;**
**Bl-ispejjez komprizi Lm23 ta' ittra u konsult u bl-imghax minn notifika ta' l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta' konvenuta fil-15 ta' Mejju, 2003 fejn intqal illi l-esponenti tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha maghmula mill-atturi, u kontenuti fl-avviz tat-Talba fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub huwa eccessiv u mhuwiex dovut, u dana kif ser jirrizulta fis-smiegh tal-kawza.**
**Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.**
**Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-atturi li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.**

**Illi fis-seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003 gie eccepit ulterjorament illi s-socjeta' konvenuta mhijiex il-legittimu kontradittur stante illi m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet u l-kawza kollha tigi ntavolata se mai kontra s-sewwieq tal-vettura li dahlet fil-vettura ta' l-attur Joseph Micallef.**

**Ra d-decizjoni preliminari moghtija fid-9 ta' Novembru, 2004 fejn giet michuda l-eccezzjoni ulterjuri sollevata li s-socjeta` konvenuta mhix il-legittimu kontradittur, bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Micallef, Anthony Abela, Daniel Wright, David Debono, il-Perit Edgar Caruana Montaldo. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. L-atturi qed ifittxu ghad-danni kagunati fid-dar tal-attur « Karizma » Triq Anton Buttigieg, Zejtun, assikurata mas-socjeta` attrici, u dana wara incident awtomobilistiku li sehh fit-23 ta' Ottubru, 2001 bejn il-vetturi KAB-887 u FAB-364. Il-karozza tal-konvenut kienet baqghet diehla fil-faccata tad-dar tal-attur.**

**2. L-attur Joseph Micallef jispjega li kellu jinbidel il-gebel, grada tal-aluminium u letter box. L-attur kien qabbad lil certu wiehed Anthony Abela biex jahdimlu, u dan sab li bid-daqqa l-hajt kien inqata kollu. L-attur jikkonferma li x-xoghol beda f'Jannar/Frar u dam tlett ijiem.**

**3. Anthony Abela, bennej, li hadem fuq il-propjeta` tal-attur, jikkonferma li ta' bil-fors kellu jibdel certi partijiet, peress li l-hajt kien maqtugh. Ghalhekk il-gebel ried jinqala' u jsir mill-gdid. Abela spjega li ma setghax juza l-gebel li kien hemm u ghalhekk kien uza gebel gdid. Filwaqt li qabel kien hemm « bricks» huwa meta sewwa ghamel gebel.**

**4. Il-Perit Edgar Caruana Montaldo jikkonferma li spezzjona l-fond u li kien gie nkarigat mis-socjeta` konvenuta biex jaghmel survey. Fil-fatt dan sar fil-15 ta' Jannar, 2002. Il-perit ghamel stima tax-xogholijiet, Dok CM1, pjanta tal-hsarat Dok, CM3, r-ritratti tal-hsarat Dok.CM4 sa Dok. CM7, u spezzjoni li rega' ghamel datata 17 ta' Lulju, 2002, Dok.CM8, u ritratti ta' wara t-tiswijiet Dok.CM9 sa CM11. Il-perit innota in partikolari li ma kienx necessarju li jinbidel il-hajt kollu tal-faccata, u fil-fatt innota li l-front garden kollu gie mibdul.**

**5. Jirrizulta, skond ma xehed David Debono, Claims Manager mas-socjeta` konvenuta, li l-istima tal-Perit kienet fis-somma ta' mitejn tnejn u sebghin lira Maltija (Lm272.00). Ghalhekk id-diskrepanza bejn dak offrut u dak mitlub hija ta' mitjen u erbatax-il lira Maltija (Lm214.00).**

**6. Huwa minnu li l-Perit jghid li kellu jinbidel l-pilastru u mhux jinbidel l-front garden kollu. Pero wiehed irid jiehu nota tal-fatt li l-post kif kien, kien tajjeb, u ghalhekk ma kienx ikun sufficjenti li wiehed iraqqaq biss, biex igib lid-danneggjat fl-istat li kien.**

**7. Tenut kont ta' dan kollu, it-Tribunal iqies li jkun ekwu li l-ammont kontestat jinqasam bejn iz-zewg partijiet. Ghalhekk jigi li l-atturi ghandhom jithallsu mitjen u erbatax-il lira Maltija (Lm214.00) piu mija u seba' liri Maltin (Lm107.00), b'kollox tlett mija u disgha u sebghin lira Maltija.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jiddikjara li s-socjeta` konvenuta assumiet r-responsabilita ghall-hlas tal-imsemmija danni, u qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' tlett mija u disgha u sebghin lira Maltija (Lm379.00) u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u disghin lira Maltija (Lm329.00) u lill-attur s-somma ta' hamsin lira Maltija (Lm50.00), ilkoll bl-imghax legali mis-7 ta' Mejju, 2003.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza kif ukoll tad-decizjoni preliminari tad-9 ta' Novembru, 2004, ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------